



*100 sena mit-twelid ta' dentist eminenti u Furjaniż ta' veru ...* ***minn Nigel Holland***

# JOSEPH JOHN MANGION

**100 sena ilu, fl-10 ta' Lulju, 1909, twieled fil-Floriana JOSEPH JOHN MANGION li kellu jsir dentist eminenti u Furjaniż ta' veru.**

**L-edukazzjoni għolja tiegħu ħadha fl-Universita' Rjali ta' Malta. Iggradwa Ph.C. fl-1930*1u fix-Xjenza fl-1931. Kompla l-istudji u ggradwa fil-Mediċina u l-Kirurġija fl-1934. Imbagħad speċjalizza fid-Dentistrija għax kif qal fi kliemu stess 'Innamrajt mal-Mediċina iżda żżewwiġt lid-Dentistrija'.**

**Ikkwalifika bħala Tabib tal-Kirurġija Dentali (DDS) fl-1940 u Fellow tar-Royal College of Surgeons (FDSRCS) fl-1948. Matul il-gwerra serva bħala supretendent mediku fl-iSptar Ċentrali. Kien anki anestetista ma' wieħed mit-timijiet kirurġiċi tal-gwerra u ġie mogħti rikonoxximent f'messaġġi uffiċjali għal servizz meritevoli.**

**Kien appuntat kirurgu dentali fl-1944. Fl-1948 għamel taħriġ intensiv fil-kirurġija orali u tax-xedaq u l-wiċċ f'Queen Victoria Hospital (RU).**

**Kien ġie appuntat bħala kirurgu dentali anzjan u professor tal-kirurġija dentali*2u kien jokkupa l-Katedra tal-Kirurġija Dentali fl-Universita' Rjali ta' Malta bejn l-1954 u l-1969. Kien ukoll Konsulent fil-Kirurġija Dentali tar-Royal Navy f'Malta.**

**Kien responsabbli biex għolla l-livelli tat-tahrig dentali f'Malta u biddel l-kors ta' Diploma għal wieħed ta' lawrja.**

**Ġie mogħti rikonoxximent ukoll fil-*Malta Government Gazette* għal servizz meritevoli.*3**

**Serva wkoll għal ħafna snin bħala Membru tal-Kunsill kif ukoll bħala Viċi-President tad-Dental Association. Għas-servizzi meritevoli tiegħu il-Kunsill tad-Dental Association kien ħatru Membru Onorarju għal Għomru ta' l-Assoċjazzjoni.*4**

**Miet fl-1 ta' Novembru, 1980.**

## Ħidma fil-Floriana

Bdejna dan l-artiklu bil-karriera professjonali brillanti ta' Joseph John Mangion, partikolarment fil-qasam tad-Dentistrija, iżda minkejja l-istudji u l-impenji tiegħu f'dan il-qasam, Mangion sab il-ħin biex jagħti kontribut enormi u b'suċċess kbir f'diversi oqsma Furjaniżi u l-aktar fil-kamp tal-football fejn ismu jibqa' marbut mal-aktar suċċessi u unuri importanti li rebaħ il-Floriana Football Club (Floriana FC) fl-istorja tiegħu.

Il-konnessjoni ta' Joseph John Mangion mal-Floriana FC bdiet meta ngħata l-inkarigu ta' Uffiċjal Mediku tal-club, kariga li baqa' jżomm għal numru ta' snin.

Iżda laħaq il-quċċata meta inħatar President tal-Floriana FC fl-iStaġun 1950-51. Fl-istaġun preċedenti l-Floriana kienu rebħu l-kampjonat wara nixfa, bis-snin tal-gwerra magħdudin ukoll, ta' 12-il sena għax l-aħħar kampjonat mirbuħ kien imur lura għall-iStaġun 1936-37.

Din kien iż-żmien tal-famużi Ajax u b'Mangion fit-treġija tal-club fl-iStaġun 1950-51 intrebaħ it-tieni kampjonat konsekuttiv.

Mangion ċeda r-riedni fl-istaġun ta' wara iżda xejn u ħadd ma seta' jżomm il-Floriana FC u taħt il-presidenza tal-magħruf Emmanuel S. Tonna, MBE, il-club Furjaniż rebaħ it-tielet kampjonat konsekuttiv.

Fil-Floriana issa qam ferment qawwi hekk kif kulħadd beda jdawwar ħarstu lejn il-possibilta' li l-Floriana FC jwaqqfu rekord ieħor ġdid fil-football Malti bir-rebħ ta' erba' kampjonati fuq xulxin.

## Kriżi qabel ma ġie stabbilit ir-rekord

Il-Floriana FC bdew dan l-istaġun kruċjali 1952-53 taħt il-presidenza tal-Avukat Victor Frendo.It-tir tal-Club li jistabbilixxi r-rekord tar-rebħ ta' 4 kampjonati konsekuttivi ma kienx wieħed faċli hekk kif proprju meta t-tragward deher fil-viċin inqalgħet kriżi fil-Club minħabba li l-wirjiet tat-tim xejn ma kienu konvinċenti u deher li r-raba' kampjonat konsekuttiv kien ser jaħrab minn idejn il-Floriana FC.





Fil-fatt nhar l-Erbgħa, 7 ta' Jannar, 1953, il-kumitat irriżenja 'en bloc' u dan ġie mħabbar f'laqgħa ġenerali straordinarja mill-viċi-president tal-club Dr V. Borg Costanzi LL.D. Saret elezzjoni ġdida u ġie elett kumitat ġdid fejn reġa nħatar għat-tieni darba bħala president Dr Joseph John Mangion.

Bir-riedni mill-ġdid f'idejh kellu jkun Dr Mangion li jwitti l-mewġ u jwassal għal din il-ħolma kbira Furjaniża li għadna sallum kburin biha u li sa issa l-ebda club ieħor Malti għadu ma rrealizzaha – 4 kampjonati fuq xulxin! U dan ir-rekord assolut kellu jiġi stabbilit proprju fl-aħħar logħba tal-kampjonat kontra Valletta li rriżultat f'logħba deċiżiva għax rebħa naħa jew l-oħra kienet tagħti lit-tim rebbieħ il-kampjonat u kienu l-Furjaniżi li assiguraw it-titlu b'rebħa ta' 3-1.*5

Mhux hekk biss, iżda taħt it-treġija ta' Joseph John Mangion f'dan l-istaġun il-Floriana FC rebħu wkoll it-tazzi kollha li setgħu jintrebħu dak l-istaġun, jiġifieri l-Kampjonat, l-FA Trophy u l-Cassar Cup u żiedu magħhom ix-Schembri Shield, il-Poppy Day Fund Cup u l-Infantile Paralysis Cup – 6 tazzi fi staġun wieħed!

Joseph John Mangion serva għal sena oħra bħala President tal-Floriana FC, fl-iStaġun 1953-54, u temm il-karriera tiegħu bħala l- amministratur ewlieni tal-club fuq nota pożittiva wkoll għax għalkemm il-club ma rebaħx il-ħames kampjonat konsekuttiv falla biss għal ftit meta spiċċa fit-tieni post filwaqt li xorta waħda reġa' rebaħ l-FA Trophy u l-Cassar Cup u għal darba oħra x-Schembri Shield, il-Poppy Day Cup Fund u l-Malta Playing Field Association Shield – (MPFA Shield)

Fi tmiem il-karriera amministrattiva tiegħu mal-club, Joseph John Mangion kien inħatar President Onorarju tal-Floriana FC u jekk kien hemm min kien ħaqqu dan l-unur żgur li hu kien wieħed minnhom.

**Joseph John Mangion u l-Cousis Shield**

Kien hemm aspett interessanti u serjissimu li kien okkupa ruħu fih bis-sħiħ Joseph John Mangion li kien jikkonċerna kemm lil Floriana FC kif ukoll is-Soċjeta' Filarmonika Vilhena u l-wirt storiku Furjaniż b'mod ġenerali.

F'Marzu ta' l-1946 il-M.F.A. kitbet lis-Soċjeta' Filarmonika Vilhena*6 u qaltilha li kienet stabbilixxiet il-fatt li l-Cousis Shield, mirbuħa l-aħħar mill-Floriana F.C. u, skont huma, issa l-proprjeta' tal-assoċjazzjoni, qed tinżamm fil-kazin tas-Soċjeta. Is-Segretarju tal-M.F.A. H. Aquilina kompla li kien iddireġut mill-Kunsill tal-istess M.F.A. biex jitlob lis-Soċjeta' biex tirritorna immedjatament ix-Shield u avżaha li jekk isir xi trasferiment ta' dina x-Shield lill-persuni mhux awtorizzati tinżamm responsabbli mill-assoċjazzjoni għad-danni.

Ġimgħa wara, il-M.F.A. reġgħet kitbet lis-Soċjeta' u hedditha b'azzjoni legali jekk ma jkunx hemm tweġiba mill-istess Soċjeta' sa erbat ijiem wara.

Madanakollu is-Soċjeta' ma ħadet ebda passi biex tirritorna dik li hi kienet tqis bħalha proprjeta' tagħha. Il-Malta Football Association min-naħa l-oħra ma riditx toqgħod bi kwietha u ftit xhur wara daret fuq il-Floriana F.C. F'seduta tal-Kumitat tas-Soċjeta' li saret fil-21 ta' Awwissu, 1946, Dr Joseph John Mangion*7, qara ittra li fiha l-Malta Football Association kienet talbet lill- Floriana F.C. biex tikkonsenjalha il-Cousis Shield li kienet tinsab fil-kazin tal-banda. Dr Mangion talab il-koperazzjoni tal-Kumitat tas-Soċjeta' sabiex din it-tifkira tant prestiġjuża u sabiħa ma toħroġx mill-Floriana.

F'dan il-mument seħħ żvilupp interessanti għax il-Membru veteran tal-Kumitat tas-Soċjeta', id-Direttur ġenerali Angiolino (Ġulinu) Debattista, qam u qal li huwa kien xhud okulari u awrikulari ta' dak li għadda biex din ix-Shield spiċċat b'mod leċitu għand is-Soċjeta' u kompla jgħid li kien lest biex jgħid l-istess anki taħt ġurament, jiġifieri li x-Shield hija proprjeta' tal-kazin Vilhena u ġiet irregalata lilha mill-proprjetarja tagħha s-Sinjura Bellini.

Imbagħad Dr Mangion talab li ssir kummissjoni bejn Membri tal-Floriana F.C. u tas-Soċjeta' sabiex taħdem id f'id b'mod li ma tħallix li din ix-Shield toħroġ mill-kazin Vilhena u eventwalment din il-kummissjoni kienet saret.

Għad li ma rnexxilix insib aktar tagħrif dokumentat dwar x'ġara minn hemm 'il quddiem, jidher li kienu s-Soċjeta' u l-Furjaniżi li kellhom raġun u mhux il-Malta Football Association għax sallum nistgħu ngawdu is-sbuħija tal-Cousis Shield fil-każin tas-Soċjeta' ġewwa l-Floriana. Għad li ma nistax nikkonferma, għallinqas s'issa, wisq probabbli li d-dikjarazzjoni twila u dettaljata ta' Ġulinu Debattista kellha piż kbir biex din l-affari ġiet riżolta favurina l-Furjaniżi grazzi wkoll għall-ħidma ta' Dr Joseph John Mangion.





Kif ġa rajna, l-interess ta' Joseph John Mangion fil-Floriana ma kienx limitat biss għall-qasam tal-ballun, fejn fil-fatt kien serva wkoll bħala rappreżentant tal-Floriana FC fil-Kumitat Ċiviku tal-Furjana. Nafu fi żgur ukoll li kien anki serva wkoll fil-kumitat tal-tas-Soċjeta' Filarmonika Vilhena f'xi snin bejn l-1943 u l-1950 u kien reviżur tal-istess Soċjeta' fl-1943. Ta kontribut f'oqsma oħra bħal meta kien serva bħala Chairman ta' kumitat imwaqqaf mill-Fsobians Club biex jitwaqqaf mafkar għall-vittmi Furjaniżi tat-Tieni Gwerra Dinjija.

Dan il-kumitat kien twaqqaf fl-1972 u l-proġett tal-mafkar kien ġie varat fil-Knisja ta' San Publju l-Ġimgħa, 28 ta' April tal-istess sena fl-okkażjoni ta' quddiesa kkonċelebrata li saret biex tfakkar it-30 Anniversarju tal-bumbardament tal-knisja parrokkjali tagħna.

Fi tmiem il-quddiesa il-Professur Mangion għamel indirizz imqanqal lill-kongregazzjoni fejn ħeġġeġ lilhom u lill-popolazzjoni kollha tal-Floriana biex jappoġġjaw il-proġett tal-mafkar bil-kontribuzzjonijiet tagħhom.

Il-mafkar dam kważi sentejn biex sar u ċ-ċerimonja tal-inawgurazzjoni ġiet immexxija mill-E.T. Monsinjur Mikiel Gonzi l-Ħadd, 28 ta' April, 1974, li ħabat Jum il-Festa ta' San Publju, u kemm Mons. Gonzi kif ukoll il-Profs. Mangion għamlu diskorsi mqanqla li fakkru il-ġranet suwed ta' April, 1942.*8

Il-Profs. Joseph John Mangion wera li kien Furjaniż ta' veru għax kien jinteressah dak kollu li għandu x'jaqsam mal-Floriana u dan ikkonfermajtu meta sibt apprezzament miktub minn Dr. J.H. Mercieca, President ta' The Dental Association u Furjaniż ukoll, f'The Sunday Times ftit jiem wara mewtu fejn wara li fakkar u faħħar il-karriera professjonali tal-Profs. Mangion kiteb (traduzzjoni tiegħi mill-Ingliż) 'Bħall- Furjaniżi kollha kien Furjaniż mill-għeruq u għalkemm kien ilu ma jgħix fil-Floriana għal snin twal, iżda l-kburija bil-belt li fiha l-ewwel li ra d-dawl tax-xemx qatt ma naqset u l-interess profond tiegħu fl-attivitajiet kollha konnessi mal-Floriana, kemm jekk ċiviċi, sportivi jew reliġjużi, kienu dejjem tal-akbar interess għalih u qrib ħafna għal qalbu'.*9

**Naħseb li m'għandi għalfejn inżid xejn aktar ħlief li l-Kunsill Lokali Floriana tant irrikonoxxa l-kontribut tal-Professur Joseph John Mangion lejn il-Floriana li fl-2004, fuq suġġeriment tal-istess kunsill lokali li approva proposta mressqa minni, issemmiet triq għalih fil-Floriana stess li tant ħabb.**

*NOTI U RIFERENZI*

*1 Michael J. Schiavone, Louis J. Scerri, *Maltese biographies of the twentieth century*, Pubblikazzjonijiet Indipendenza, 1997, p.385

*2 *Idem*

*3 *Idem*

*4 J.H. Mercieca, *Appreciation Professor Joseph John Mangion* f'The Sunday Times, No. 109, November 9, 1980, p. 28

*5 *Times of Malta*, No. 5,503, Monday, May 11, 1953, p. 11

*6 Minuti tas-Seduta tal-Kumitat tas-Soċjeta (06.03.1946)

*7 Mill-Minuti tas-seduta ma joħroġx ċar biżżejjed jekk Dr Mangion f'dak il-ħin kienx qed jattendi s-seduta bħala mistieden u rappreżentant tal-Floriana F.C. jew/kif ukoll bħala Membru tal-Kumitat tas-Soċjeta' Filarmonika Vilhena, għad li teżisti din il-possibilta' peress li nafu fi żgur li kien serva wkoll fil-kumitat tal-banda f'xi snin bejn l-1943 u l-1950 u kien reviżur fl-1943.

*8 *Remembrance Floriana blitz 1942 commemorative booklet 40th anniversary 1982.* – Fsobians, 1982 , p. 24

*9 J.H. Mercieca, *Appreciation Professor Joseph John Mangion* f'The Sunday Times, No. 109, November 9, 1980, p. 28

Il-Kumitat jappella għall-parteċipazzjoni mall-Banda tas-Soċjeta` Filarmonika Vilhena